MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 92/2006

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fl-20 ta' Lulju 2000 u sussegwentement fil-Kappella ta' San Pawl Nawfragu, f' San Pawl il-Bahar fid-29 ta' Dicembru 2000 (Dok. A u Dok. B) u miz-zwieg taghhom ma kienx hemm tfal;

Illi l-esponenti hija ta’ nazzjonalita’ Maltija filwaqt li l-intimat huwa ta’ nazzjonalita’ Sirjana;

Illi l-kontendenti zzewgu sena biss wara li kienu ltaqghu billi l-intimat kien qieghed hawn Malta illegalment u ried jakkwista permess tax-xoghol, ossija ‘work permit’ peress li kien sab xoghol tajjeb hawn Malta u ma riedx jerga’ lura s-Sirja ghaliex skond hu kien hemm hafna qghad u l-esponenti kienet tibza’ mill-fatt illi jekk l-intimat jigi rrapurtat lil Pulizija, jkun kostrett jitlaq minn Malta;

Illi l-esponenti tirrileva illi hi kienet taht l-impressjoni illi l-intimat kien ihobbha u li ried jizzewwigha ghaliex l-imhabba li kellha fil-konfront tieghu kienet reciproka;

Illi l-intimat izzewweg lil esponenti fil-knisja taht il-patt u l-kundizzjoni illi jibqa’ jezercita r-religjoni tieghu ta’ Musulman;

Illi l-problemi matrimonjali bdew immedjatament wara z-zwieg u dan minhabba l-komportament tal-intimat li kien sar vjolenti, infidil, dizrispettuz u dizonest fil-konfront tal-esponenti tant li kien jirrifjuta illi jiddiskuti l-problemi ta’ bejniethom u ghall-kuntrarju kien jallontana ruhu mid-dar matrimonjali;

Illi l-esponenti tirrileva illi wara li zzewwgu l-kontendenti, l-intimat sar dominanti hafna fil-konfront tal-esponenti, ghalkemm kien jahdem ghal rasu bhala tile layer u kellu ntrojtu tajjeb hafna, hu kien jirrifjuta jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta’ kuljum u sahansitra kien isaqsi l’ esponenti ghal iktar flus billi hu kien jibghat regolarment somma flus lill-ommu u l-hutu s-Sirja nonostante d-disapprovazzjoni tal-esponenti;

Illi l-espoennti kienet tinnota illi l-intimat kien jevita kwalunkwe kuntatt fiziku u intimu minn maghha minghajr karezzi sakemm ndunat illi l-intimat kien qieghed ikollu relazzjonijiet extra-matrimonjali ma’ nisa ohra;

Illi l-esponenti malajr intebhet illi z-zwieg taghha lill-intimat kien nieqes mill-elementi essenzjali tieghu. Hija rat illi zewgha ma kienx jhobbha u li ma kienx hemm sens ta' ghaqda u gabra fiz-zwieg tieghu, hu kien jghix hajja ta' singlu u certament mhux ta' ragel mizzewweg, hu kien johrog hafna mal-hbieb tieghu u jdum hinijiet twal barra mid-dar u gieli ma kienx jirritorna d-dar ghal gimghat shah;

Illi in oltre, l-esponenti tirrileva illi l-intimat kien jipprova ggaghal l' esponenti sabiex titlaq mid-dar matrimonjali sakemm qabad u telaq hu stess fit-2 ta' Gunju 2005 minghajr ebda pre-avviz u qatt ma rega' lura;

Illi l-esponenti mit-2 ta' Gunju 2005 l' quddiem qatt ma regghet rat lil zewgha u lanqas ma taf fejn jinsab, jekk huwiex Malta jew telaq minn Malta. Ghalkemm l-esponenti ghamlet ir-rapporti opportuni mal-Kummissarju tal-Pulizija u mal-Ufficju tal-Emigrazzjoni sabiex tinghata xi informazzjoni, sallum ghadha ma giet nfurmatha b' xejn;

Illi l-kunsens tal-intimat nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi in oltre, l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-intimat issimilha l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fir-Registru Pubbliku ta' Malta fl-20 ta' Lulju 2000 u sussegwentement fil-Kappella ta' San Pawl Nawfragu, f' San Pawl il-Bahar fid-29 ta' Dicembru 2000 huwa null u bla ebda effett fil-Ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet huwn fuq imsemmija l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:
Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-20 ta' Lulju 2000 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu

opportuni f’ dan ir-rigward. Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li z-zwieg civili taghha kuntrattat mal-konvenut fl-20 ta’ Lulju 2000 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin sirjan, fl-20 ta’ Lulju 2000 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin kwazi sena. Wara konvivenza matrimonjali ta’ ftit snin, il-partijiet isseparaw de facto meta l-konvenut abbanduna id-dar konjugali u qata’ kull kuntatt ma’ l-attrici.

Jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fi zmien daqshekk qasir sabiex il-konvenut, li f’ dak iz-zmien ma kellux work permit, ma jigix deportat mill-pulizija. L-attrici tispjega li wara z-zwieg il-komportament tal-konvenut fil-konfront taghha tbiddel drastikament u immedjatament b’ mod li beda jkun vjolenti u disrispettuz fil-konfront ta’ martu, u ma kien jivversa xejn mill-introitu tieghu ghall-ispejjez tal-hajja konjugali, izda minflok, kien jibghat il-flus lill-familjari tieghu fis-Sirja. Eventwalment l-attrici skopriet li zewgha l-konvenut kien qed jmur ma’ nisa ohra.

Mill-kwadru tal-fatti provati jirrizulta car li f’ dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat; u dan stante li jirrizulta manifestament li, ghalkemm dana esternament u unikament ghal konvenjenza tieghu ghadda minn ceremonja ta’ zwieg, internament u b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu, eskluda l-obbligazzjonijiet

essenzjali matrimonjali, dak tal-konvivenza bazata fuq il-benessere reciproku, u dak tal-fedelta' fil-konfront ta' l-attrici. Il-konvenut izzewweg lill-attrici bi skop uniku li jottjeni l-freedom of movement fil-pajjiz, u xejn aktar. Dan jispjega l-insistenza tieghu ma' l-attrici sabiex ifittxu jizzewwgu, kif ukoll il- kambjament fl-imgieba tieghu ezatt wara iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fl-20 ta' Lulju 2000. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------